MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 77/2010

**James Buttigieg u John Paul Azzopardi fil-kapacita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament ta' l-Ghaqda Filarmonika Mnarja u b'nota tal-10 ta' Dicembru 2010 John Xuereb assuma l-atti tal-kawza minflok John Paul Azzopardi peress illi ssuccieda bhala segretarju tal-Ghaqda attrici**

**Vs**

**Dottor Michael Caruana u Joseph Apap, fil-kapacita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tas-Socjeta' Filarmonika Leone**

Il-Qorti,

Rat li permezz tar-rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Settembru 2010 gie premess:

Illi r-rikorrenti kienu akkwistaw id-drittijiet kollha relattivament ghal-marc brijuz “Bonnici Brothers” *sive* “10th Anniversary” *sive* “LetterA” ghal gewwa t-territorju ta’ Ghawdex (b’eccezzjoni unika ghall-Festa ta’ San Gorg, Rabat, Ghawdex) bi ftehim ta’ akkwist konkluz mal-awtur il-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta’ Jannar 1992, kopja annessa u mmarkata bhala Dok A;

Illi permezz ta’ din l-istess skrittura mmarkata Dok A, is-Surmast Joseph Sammut biegh u ttrasferixxa l-uzu esklussiv gewwa Ghawdex lill-istess Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur ta’ dan il-marc maghruf bhala “Marc Letter A” bl-uniku kundizzjoni esplicita illi dan il-marc ma jindaqqx fil-festa ta’ San Gorg tar-Rabat, Ghawdex;

Illi s-socjeta’ konvenuta llum, cioe’ tmintax-il sena wara l-iskrittura privata su-riferita, qed tallega li l-istess Surmast Joseph Sammut ghamel donazzjoni lilhom ta’ l-istess marc maghruf bhala “Letter A”;

Illi t-titolu relattiv spettanti lir-rikorrenti huwa precedenti dak vantat mis-socjeta’ konvenuta b’ben tmintax-il sena, illi matulhom is-socjeta’ konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni u ma ddeducietx ebda pretensjoni gudizzjarja relattiva ghall-istess;

Illi s-socjeta’ konvenuta qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq allegat “titolu” moghti mill-Maestro Joseph Sammut, li se mai, kien hekk moghti ben tmintax-il sena wara illi l-istess Maestro Joseph Sammut kien biegh (u mhux sempliciment iddona) d-drittijiet ta’ dan l-istess marc specifiku f’Ghawdex lir-rikorrenti. Mhux hekk biss, izda dan ghamlu fl-1992 b’mod illi esplicitament intrabat illi ma jghaddix dan il-marc lill-ebda persuna ohra f’Ghawdex.

Is-socjeta’ rikorrenti talbet lil din il-Qorti :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-titolu ghal marc brijuz “Bonnici Brothers” *sive* “10th Anniversary” *sive* “Letter A” gie mibjugh u trasferit lill-Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, permezz ta’ skrittura privata bejn l-istess Ghaqda

Filarmonika Mnarja, Nadur u l-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta’ Jannar 1992;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ Filarmonika Leone ma tgawdi ebda drittijiet fuq l-istess marc brijuz “Bonnici Brothers” *sive* “10th Anniversary” *sive* “Letter A”

Rat illi s-socjeta’ konvenuta eccepiet illi:

1. Illi s-socjeta’ intimata (recte: attrici) m’ghandha l-ebda interess guridiku biex tattakka l-kuntratt tal-hamsa (5) ta’ Gunju 2010 (Dok JA1) in atti tan-Nutar Anthony Hili li sar bejn is-socjeta’ Filarmonika Leone u s-Surmast Sammut stante li hija ma kinitx parti fuq dak il-kuntratt;

2. Illi fit-tieni lok jrid jingab l-original tad-dokument tal-ftehim tad-29 ta’ Jannar 1992 (Dokument A anness mar-rikors guramentat) stante li l-kopja ipprezentata mhix originali u lanqas m’hi awtentikata bhala vera kopja tal-original;

3. Illi s-socjeta’ intimata ilha fil-pussess ta’ dan il-marc in *buona fede,* b’mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghall-perjodu ta’ aktar minn tletin (30) sena. Dan ghar-raguni li kellha l-partitura originali tal-marc u ilha ddoqq dan il-marc b’mod regolari u fil-pubbliku sa mill-elf disa’ mija u tmienja u sittin (1968) fil-festa ta’ Santa Marija organizzata minnha stess kif wkoll f’festi ohra f’Malta u Ghawdex. Is-socjeta’ kompliet taghmel hekk ukoll wara d-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar 1992, wara li dan il-amrc allegatament gie akkwistat mis-socjeta’ rikorrenti, u l-istess socjeta’ rikorrenti qatt ma opponiet jew b’xi mod iehor ippruvat twaqqaf lis-socjeta’ intimata milli ddoqq dan il-marc wara l-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992), dan skont kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u ghalhekk fuq naha hija akkwistat id-drittijiet ta’ l-awtur fuq dan il-marc bil-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali, u fuq in-naha l-ohra kull dritt illi talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprova tipprojbixxi lilha milli ddoqq dan il-

marc intilef bil-preskrizzjoni trentennali, u dan fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-marc “Bonnici Brothers” *sive* “10th Anniversary” *sive* “Letter A” kien gie mghoddi lis-Socjeta’ Filarmonika Leone mis-Surmast Sammut fl-elf disa’ mija u tmienja u sittin (1968) fiz-zmien meta s-Surmast Sammut kien impjegat tas-Socjeta’ Filarmonika Leone u dan skont kif ikkonferma l-istess Surmast Sammut f’affidavit maghmul minnu fis-sebgha (7) ta’ Lulju tas-sena 2010, li kopja tieghu giet annessa u pprezentata bhala Dok JA 2. Il-kuntratt pubbliku li sar fil-hamsa (5) ta’ Gunju 2010 sempliciment ikkristallizza l-ghotja li kienet saret mis-Surmast Sammut fl-1968. Isegwi ghalhekk li l-istess Surmast Samut ma seta’ qatt jittrasferixxi l-proprjeta’ ta’ dan il-marc lis-socjeta’ Filarmonika Mnarja fl-1992 u l-iskrittura tal-1992, jekk kellha xi effett, kien li limitatament taghti fakolta’ lis-socjeta’ attrici sabiex hija ddoqq dan il-marc;

5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi li s-socjeta’ rikorrenti hija l-proprjetarja tal-marc in kwistjoni u per konsegwenza tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marc, tali drittijiet tal-awtur ma jipprekludux lis-socjeta’ intimata milli ddoqq dan il-marc fil-pubbliku. Dan ghar-raguni li fit-termini tal-artikolu 9(1)(g) tal-kap 415, id-drittijiet tal-awtur ma jinkludux il-projbizzjoni tat-twettiq, daqq jew wiri ta’ xoghol f’post fejn ma jithallas ebda dritt ta’ dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qligh;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

7. B’referenza ghall-paragrafi tar-rikors guramentat, is-socjeta’ intimata rrilevat li dawn huma lkoll kontestati ghar-ragunijiet premessi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011 Dr Perici Calascione informa lill-qorti li kien hemm qbil bejnu u bejn Dr Jean Paul Grech prezenti li l-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza fuq in-noti ta' sottomissjonijiet li hemm fil-process.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

Ikkunsidrat :

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Il-Maestro Joseph Sammut kiteb il-marc in kwistjoni fl-1952 meta kien surmast tal-Banda San Guzepp il-Hamrun. Wara erba' snin maghhom tahom id-dritt li jdoqqu dan il-marc izda m'ghaddiex il-proprjeta' tieghu[1].

- Sussegwentement is-Surmast Sammut mar surmast mal-Banda Leone. Dan kien ghal habta tas-sena 1958. Fl-1968 huwa ta d-dritt li l-Banda Leone tibda ddoqq dan il-marc u dan b'donazzjoni. Anki f'dan il-kaz huwa ma tahomx id-dritt ta' proprjeta' tal-marc[2]. Dak iz-zmien ma kien ebda skrittura privata bejn il-partijiet.

- Is-surmast Sammut xehed ukoll li l-partitura originali kien ta lill-Banda Leone.

- Kemm Joseph Apap, Segretarju tal-Banda Leone, kif ukoll Dr Michael Caruana xehdu u kkonfermaw li fl-1968 is-surmast Sammut tahom biss id-dritt li jdoqqu dan il-marc[3].

- Bhala fatt jirrizulta mid-dokumenti ezebiti li l-Banda Leone kienet iddoqq dan il-marc ghal hafna snin.

[1] Ara Xhieda tas-Surmast Sammut fit-3 ta' Marzu 2011 a fol. 104 tal-process

[2] Ara Xhieda tas-Surmast Sammut fit-3 ta' Marzu 2011 a fol. 104 tal-process

[3] Ara Xhieda Joseph Apap fit-18 ta' Frar 2011 a fol 75 tal-process; kif ukoll xhieda Dr Michael Caruana a fol 107 et seq tal-process

Ghalkemm mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta' attrici[4] jirrizulta li kien hemm xi snin li dan il-marc ma ndaqqx mill-istess socjeta' – per ezempju, fis-sena 1992 mhux imsemmi meta hemm marc iehor li huwa indikat li se jindaqq b'talba generali. L-istess jinghad ghas-snin 1994, 1996,1997 u 1998.

- Is-Surmast Sammut kien iffastidja ruhu. Ir-raguni mhiex importanti ai finijiet tal-kawza odjerna. Huwa spicca minn surmast mal-Banda Leone fl-1992.

- F'din l-istess sena, precizament fid-29 ta' Jannar 1992, giet redatta skrittura privata bejn l-Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur u l-Maestro Joseph Sammut[5]. Din taqra hekk: 'Jiena, Mro Joseph Sammut, hawn taht iffirmat qed inbiegh il-Marc Brijuz li kien igib l-isem "10th Anniversary "A" bi prezz ta' Lm100 lil Banda Mnarja – Nadur, Ghawdex bil-kundizzjoni li dan il-marc ma jindaqx fil-festa ta' San Gorg, f'Ghawdex u li jien Mro Joseph Sammut nintrabat mas-Socjeta' Filarmonika Mnarja – Nadur Ghawdex li f'Ghawdex ma ntih lil hadd aktar'.

- Firmatarji ta' din l-iskrittura kienu l-Mro Sammut u s-Segretarju tal-Banda Mnarja Nadur Peter Paul Portelli.

- Mill-1992 'l quddiem il-Banda Mnarja daqqet dan il-marc fil-festa taghha u okkazjonalment barra mir-Rahal. Infatti fil-verbal ta' l-10 ta' Dicembru 2010, Dr Jean Paul Grech ghas-socjeta' konvenuta ddikjara li mhux qed jigi kontestat li l-marc Letter A qed jindaqq kull sena fil-festa tan-Nadur.

- Ghal tmintax-il sena shah baqghet iddoqq dan il-marc minghajr qatt l-ebda Banda ohra ma avvanzat xi pretensjoni fuq l-istess marc.

- Is-sena li ghaddiet il-Banda Leone prezentat mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' Banda Mnarja fejn talbet li din ta' l-ahhar tigi inibita milli ddoqq dan il-marc barra mil-

[4] Dok JB2 a fol 29 et seq tal-process

[5] Dok A a fol 6 tal-process

limiti tar-rahal tan-Nadur. Permezz ta’ digriet taghha tat-8 ta’ Lulju, 2010 il-Qorti cahdet it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kif mitlub.

- Illi l-Banda Leone kienet qeghda tibbaza t-talba taghha ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fuq il-kuntratt pubbliku li gie ppubblikat minn Nutar Anthony Hili fil-5 ta’ Gunju 2010[6]. Dan il-kuntratt sar bejn is-Socjeta’ Filarmonika Leone u s-Surmast Sammut. Fih inghad li l-proprjeta’ u d-drittijiet ta’ l-awtur ta’ dawn il-marcijiet[7] gew trasferiti lis-Socjeta’ Filarmonika Leone fiz-zmien li s-surmast Sammut kien surmast direttur tal-Banda Leone.

- Fil-klawzoli relattivi ghall-marc inkwistjoni f’dan il-kuntratt pubbliku gie miftiehem bejn il-partijiet is-segwenti :

(2) Il-marc maghruf bhala ‘Bonnici Brothers’ sive ‘10th Anniversary’ maghruf ahjar bhala l-‘Marc Letter A’, huwa proprjeta’ esklussiva tal-Banda Cittadina Leone tar-Rabat, ghawdex u ghalhekk l-ebda banda Ghawdxija u Maltija jew grupp ta’ bandisti Ghawdxin u/jew Maltin migbura f’Ghawdex ghal kull okkazjoni ta’ kwalsiasi xorta u natura, inkluzi okkazzjonijiet sportivi, socjali u manifestazzjonijiet ohra, ma jistghux, jdoqqu dan il-marc, salv dak li jinghad fil-paragrafu sussegwenti;

(3) Il-partijiet jaqblu li l-Marc Letter A jista’ jindaqq biss f’Ghawdex minbarra l-Banda Leone, mill-Banda Mnarja tan-Nadur, Ghawdex fis-servizzi bandistici li din il-banda jkollha gewwa r-rahal tan-Nadur u mhux permess lill-istess Banda Mnarja tan-Nadur li hija ddoqq dan il-marc f’servizzi bandistici f’Malta jew f’lokalitajiet ohra f’Ghawdex. Il-partijiet qeghdin jaqblu fuq din il-koncessjoni in vista tal-fatt li s-surmast Sammut kien lahaq ftehim f’dan is-sens mas-surmast Joseph Grech, iben Vincent, is-surmast attwali tal-Banda Mnarja tan-Nadur u ghalhekk l-istess Socjeta’ Leone qed tiirikonoxxi dan il-ftehim;

---

[6] Dok JA1 a fol 16 *et seq* tal-process

[7] Apparti l-marc mertu tal-vertenza odjerna, dan il-kuntratt jirrigwarda marc iehor

(4) In vista ta’ dak stipulat f’dan il-ftehim, is-surmast Sammut jobbliga ruhu li ma jaghti l-ebda drittijiet jew koncessjonijiet ohra lil terzi persuni u/jew ghaqdiet tal-Banda jew ghaqdiet ohra fuq dawn il-marcijiet, inkluz drittijiet ta’ ezekuzzjoni. Is-surmast Sammut jobbliga ruhu wkoll li ma jikkomponi l-ebda marc jew silta muzikali ohra li fis-sustanza muzikali taghhom jkunu prattikament identici ghall-marci imsemmija f’dan l-att.’

Eccezzjoni ta’ Nuqqas ta’ Interess Guridiku

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ intimata sostniet li s-socjeta’ rikorrenti m’ghandhiex interess guridiku biex tattakka l-kuntratt tal-5 ta’ Gunju 2010 li sar bejn is-Socjeta’ Filarmonika Leone u s-Surmast Sammut.

Illi dwar l-interess guridiku ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et**[8] fejn il-Qorti ta’ l-Appell tenniet li l-ligi taghna tezigi li min jipproponi azzjoni gudizzjarja jrid ikollu interess guridiku, l-ghaliex altrimenti jkun ifisser li kull min ikun irid jivvessa lil xi hadd inutilment ikollu l-opportunita’ shiha li jaghmel dan billi joqghod “jiqqortja” mieghu fuq kwalsiasi protest li jkun, imqar jekk il-materja lanqas biss tikkoncerna lilu. Din is-sentenza ghaddiet imbaghad biex telenka il-principji li ghandhom iservu ta’ gwida li fuqhom ghandha timxi l-Qorti biex tirrisolvi vertenza ta’ din ix-xorta. Il-principji huma s-segwenti :

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.
(ii) l-istat attwali ta’ ksur ta’ jedd jikkonsisti f’kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;
(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta’ l-istess attur u dan billi kull

[8] App Civ Nru: 621/2001 deciza fit-28 ta’ Novembru 2003

persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha;
(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;
(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;
(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;
(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem;
(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;
(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Illi s-socjeta' rikorrenti permezz ta' din il-kawza mhiex qeghda tattakka il-kuntratt pubbliku surriferit. Infatti m'hemm l-ebda talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt notarili. L-istess socjeta' pprocediet quddiem din il-qorti abbazi ta' skrittura privata redatta bejn l-istess socjeta' u s-surmast Sammut biex tikseb dikjarazzjoni li permezz ta' l-iskrittura privata tad-29 ta' Jannar 1992 hija akkwistat it-titolu ghal

marc brijuz u li konsegwentement is-Socjeta’ Filarmonika Leone ma tgawdi ebda drittijiet fuq l-istess marc brijuz. M’hemmx dubju li s-socjeta’ rikorrenti tissodisfa r-rekwiziti fuq imsemmija. Huwa interess dirett ghaliex is-socjeta’ rikorrenti trid tistabilixxi darba ghal dejjem id-dritt taghha fuq il-marc peress li l-istess dritt qieghed jigi kkontestat mill-Banda Leone. Huwa legittimu ghaliex huwa ibbazat fuq l-iskrittura ta’ l-1992. Fil-kaz li l-azzjoni tirnexxi jkun hemm ottjeniment ta’ vantagg u utilita’ ghaliex is-socjeta’ attrici tgawdi d-drittijiet li qed issostni li ghandha minghajr ebda xkiel.

Is-socjeta’ intimata ssottomettiet li t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti huma formolati b’mod sabiex jinnewtralizzaw dak li giet pattwit bejn is-surmast Sammut u l-istess socjeta’, liema kuntratt huwa *res inter alios acta bejn il-partijiet.* L-istess socjeta’ kompliet li s-socjeta’ attrici kien ikollha interess dirett u attwali li tipprocedi b’din il-kawza li kieku b’xi mod il-kuntratt tal-5 ta’ Gunju 2010 kien qieghed jiddefrawda jew icahhad lill-istess socjeta’ rikorrenti mid-drittijiet li hija akkwistat bl-iskrittura konkluza bejnha u s-surmast fl-1992 izda dan mhux il-kaz.

Illi huwa hawnhekk fejn l-argument tas-socjeta’intimata huwa zbaljat. M’hemmx dubju li l-kuntratt tal-5 ta’ Gunju 2010 jorbot lis-socjeta’ Filarmonika Leone u lis-surmast Sammut. F’dan l-istess kuntratt hemm klawzola specifika li qeghda tipprovdi dwar id-drittijiet li l-Banda Mnarja ghandha fuq l-istess Marc meta din l-istess Banda ma kinitx parti fl-istess kuntratt pubbliku. In effetti s-socjeta’ rikorrenti permezz tal-kawza odjerna qeghda ssostni li permezz ta’ dik l-iskrittura privata hija akkwistat id-drittijiet kollha fuq il-marc inkluz ghalhekk id-drittijiet ta’ l-awtur u ghalhekk m’hemmx qbil li d-drittijiet taghha ma gewx mittiefsa mill-istess kuntratt pubbliku. B’hekk jinkombi fuq din il-qorti sabiex tezamina liema mill-versjonijiet hija l-aktar wahda li ghandha fondament. Inoltre’ s-socjeta’ rikorrenti qeghda tibbaza l-allegat titolu taghha fuq l-iskrittura ta’ l-1992.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>

Illi s-socjeta' intimata sostniet li ghandu jingab l-original tad-dokument tal-ftehim tad-29 ta' Jannar 1992 (Dokument A anness mar-rikors guramentat) stante li l-kopja ipprezentata mhix originali u lanqas m'hi awtentikata bhala vera kopja tal-original.

Illi dwar din l-eccezzjoni jinghad li s-socjeta' rikorrenti sostniet li l-original ta' din l-iskrittura mhux f'idejha u li meta talbitu lis-surmast Sammut giet mgharrfa li huwa kien biddel ir-residenza tieghu u b'hekk l-original ta' l-iskrittura ma tahilhomx.

Illi madankollu kemm is-surmast Sammut fix-xhieda tieghu kif ukoll Peter Paul Portelli kkonfermaw li l-firem rispettivi taghhom fuq l-iskrittura hija taghhom. Is-surmast Sammut fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Marzu 2011 in kontro-ezami xehed[9] *'Ghadu kif inqrali l-ftehim illi hemm esebit a fol sitta (6), dak il-ftehim jirrifletti l-ftehim verbali li jien ghamilt ma' Joseph Grech li kien is-surmast tas-Socjeta' Filarmonika Mnarja fl-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992).'* Apparti l-konferma tal-kontenut ta' l-istess skrittura jinghad li s-socjeta' intimata qatt ma attakkat il-validita' ta' l-imsemmija skrittura u lanqas fil-proceduri odjerni ma ressqet l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens.

Ghaldaqstanti anki din it-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

<u>Fil-Mertu</u>

Illi kif diga' gie rilevat is-socjeta' rikorrenti qeghda tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq l-iskrittura redatta fid-29 ta' Jannar 1992 li saret bejn il-Banda Mnarja-Nadur, Ghawdex u s-Surmast Joseph Sammut.

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li l-kliem ta' din l-iskrittura huwa car u inekwivoku u ghalhekk ai termini ta' l-artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Lgijiet ta' Malta 'Meta l-kliem ta'

---

[9] A fol 105 tal-process

konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni'.

Din l-iskrittura taqra hekk: 'Jiena, Mro Joseph Sammut, hawn taht iffirmat qed inbiegh il-Marc Brijuz li kien igib l-isem "10th Anniversary "A" bi prezz ta' Lm100 lil Banda Mnarja – Nadur, Ghawdex bil-kundizzjoni li dan il-marc ma jindaqx fil-festa ta' San Gorg, f'Ghawdex u li jien Mro Joseph Sammut nintrabat mas-Socjeta' Filarmonika Mnarja – Nadur Ghawdex li f'Ghawdex ma ntih lil hadd aktar'.

Illi fil-fehma ta' din il-qorti, din l-iskrittura mhiex daqshekk cara daqs kemm is-socjeta' attrici qeghda ssostni u ghalhekk hemm lok ghall-interpretazzjoni taghha. Irrizulta mill-provi prodotti li huwa essenzjali fl-ambitu ta' marci li ssir distinzjoni bejn l-ghoti tad-drittijiet ta' awtur fuq marc u l-ghoti tad-dritt lill-banda partikolari sabiex hija ddoqq dak il-marc.

Fil-kaz tal-marc 'Letter A' il-kelma wzata f'din l-iskrittura privata mis-surmast hija li l-istess marc 'qed inbiegh'. Biss pero' ftit linji wara l-uzu tal-kelma 'bejgh' is-surmast impona kundizzjoni lill-Banda Mnarja-Nadur sabiex ma ddoqqx dan il-marc fil-festa ta' San Gorg tar-Rabat, Ghawdex u min-naha tieghu obbliga ruhu li huwa ma kienx se jaghti dan il-marc lil hadd aktar fil-Gzira ta' Ghawdex. Dan ifisser li fir-rigward tal-Gzira ta' Malta, is-surmast zamm id-dritt u kien liberu li jghaddi dan il-marc lil min ried. Dan huwa indikattiv li s-surmast kien qieghed izomm f'idejh certu forma ta' kontroll fuq l-istess marc u ma kienx qieghed icedi d-drittijiet ta' l-awtur fuq din l-iskrittura. Tant dan huwa minnu li sussegwenti ghal din l-iskrittura s-surmast innifsu xehed li biegh dan l-istess marc lil xi zewg baned ohra f'Malta. U ma jirrizultax li l-Banda rikorrenti hadet xi proceduri biex tipprocedi kontra dawn il-Baned Maltin ghal ksur ta' drittijiet ta' l-awtur.

Sinifikanti wkoll hija x-xhieda ta' l-istess surmast li qal b'mod car li huwa ma kienx ta lill-Banda Mnarja l-proprjeta' tal-marc permezz ta' l-iskrittura *de quo* izda

tahom biss id-dritt li jdoqqu l-istess marc. Fl-istess xhieda huwa kkonferma li l-partitura originali tal-marc huwa kien ta lill-Banda Leone fl-1968 li dak iz-zmien kien ukoll taha biss id-dritt li ddoqq dan il-marc. Lill-Banda Mnarja s-surmast tahom biss l-iscore li huwa wkoll indikattiv li ma kienx bieghhilhom id-drittijiet ta' l-awtur. L-istess surmast xehed ukoll li huwa qatt ma waqqaf lill-Banda Leone milli ddoqq il-marc. Kif inhu risaput ir-rinunzja ta' dritt trid tkun wahda cara u inekwivoka u f'dan il-kaz din zgur li ma tirrizultax anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju. Inoltre' fuq l-istess skrittura privata d-dritt ta' l-awtur ma jissemmix u din il-qorti hija konvinta li li kieku dan id-dritt kien qieghed jigi trasferit ukoll kien jitnizzel b'mod specifiku u dan biex jassigura d-drittijiet ta' l-istess banda fuqu. Il-Banda Mnarja kienet taf li dan il-marc kien jindaqq mis-socjeta' Filarmonika Leone u ghalhekk setghet ukoll tanticipa li l-istess socjeta' se tavvanza xi pretensjonijiet u ghalhekk is-socjeta' attrici kienet tkun f'posizzjoni  fejn hadd ma seta' jattakka d-dritt taghha.

Illi l-argument li peress li s-surmast thallas mitt lira Maltin ifisser li l-Banda Mnarja kienet akkwistat l-esklussivita' u l-proprjeta' assoluta fuq il-marc hija biss assunzjoni. Huwa veru li mitt lira Maltin fis-sena 1992 ma kienux ftit izda inghatat spjega ghal dan l-ammont. Filwaqt li s-surmast Sammut ikkonferma li huwa kien ircieva din is-somma biss huwa spjega li dan l-ammont ma kienx talbu huwa izda gie infurmat mis-surmast Joseph Grech li kien hemm individwu li lest li jhallsu dak l-ammont u huwa accetta. B'daqshekk ma jfissirx li s-Surmast biegh id-dritt ta' l-awtur fuq l-istess marc.

Ghaldaqstant permezz ta' l-iskrittura mertu tal-vertenza odjerna s-socjeta' rikorrenti inghatat biss id-dritt li ddoqq l-istess marc izda mhux id-drittijiet ta' l-awtur.

Is-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha minghajr pregudizzju ghat-talba taghha abbazi ta' l-iskrittura privata invokat favuriha l-preskrizzjoni akkwizittiva. Hawnhekk il-qorti tixtieq tissofferma ruhha billi tghid li din hija premessa kompletament gdida u li huwa risaput li dan mhux konsentit mil-ligi procedurali

taghna partikolarment meta din il-kawza diga' kienet differita ghas-sentenza.

Fi kwalunkwe kaz jinghad li s-socjeta' rikorrenti ma tistax tinvoka favur taghha b'success l-preskrizzjoni akkwizittiva decennali. L-artikolu 2140 tal-Kap 16 jipprovdi :

*'Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjeta' jipposjedi haga immobbli ghal zmien ta' ghaxar snin, jakkwista l-proprjeta' taghha'.*

Illi imbaghad l-artikolu 2107 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

*"(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu,* ***mhux*** *miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi."*.

Din il-preskrizzjoni akkwizittiva sabiex takkwista l-proprjeta' ta' haga immobbli ghalhekk tehtieg

- titolu tajjeb sabiex jittrasferixxi l-proprjeta'
- Bona fidi
- Pussess tal-haga immobbli ghal ghaxar (10) snin. Fil-kaz ta' titolu li gej minn minn att li skond il-ligi jrid jigi inskritt fir-Registru Pubbliku, iz-zmien jiddekorri mill-jum ta' l-iskrizzjoni ta' l-att.

Illi fil-kaz in dizamina s-socjeta' attrici nonostante dak li sostniet matul il-kawza li permezz ta' l-iskrittura privata kien hemm l-intenzjoni li jigu akkwistati anki d-drittijiet ta' l-awtur fuq il-marc dan mhux minnu. Ibda biex kif diga' gie rilevat jirrizulta mill-istess skrittura li s-Surmast Sammut apparti li rabat lill-istess banda li fil-festa ta' San Gorg, Rabat, Ghawdex ma kellhiex iddoqq il-marc pero' huwa zamm certu forma ta' kontroll fuq l-istess marc. Infatti s-Surmast Sammut wara l-iffirmar ta' dik l-iskrittura seta' jittrasferixxi l-marc lil baned Maltin kif fil-fatt ghamel u l-Banda Mnarja ma hadet l-ebda passi kontra dawn il-Baned. Fl-istess skrittura imkien ma jissemma li s-surmast Sammut kien qieghed ibiegh id-drittijiet ta' l-awtur. Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ma tistax issostni la li kellha titolu tajjeb u lanqas li kienet in bona fidi. Mhux kontestat li

l-Banda Mnarja, wara l-iffirmar ta' l-iskrittura ta' l-1992, bdiet iddoqq dan il-marc kull sena fil-festa. Huwa minnu wkoll li l-ebda Banda, inkluz il-Banda Leone ma ddisturbawha milli ddoqq l-istess marc. Madankollu rrizulta wkoll li anki l-Banda Leone, wara l-iffirmar ta' l-iskrittura, kienet iddoqq dan il-marc u anki rrekordjatu. Tant is-socjeta' attrici kienet taf li permezz ta' l-iskrittura hija akkwistat biss id-dritt li ddoqq dan il-marc li ma hadet l-ebda passi kontra l-Banda konvenuta. Inoltre' lanqas il-partitura originali ma kienet fil-pussess taghha u dan huwa sinifikattiv ukoll.

Illi ladarba qieghed jigi deciz li l-Banda attrici ghandha biss id-dritt li ddoqq il-marc mertu tal-kawza odjerna u m'akkwistatx id-drittijiet ta' l-awtur fuq l-istess u rrizulta li s-surmast Sammut ghadda d-drittijiet ta' l-awtur ta' l-istess marc permezz tal-kuntratt pubbliku tal-5 ta' Gunju 2010 lil-Banda konvenuta m'hemmx lok li din il-qorti tezamina l-kumplament ta' l-eccezzjonijiet mressqa mill-istess Banda konvenuta.

Ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;
2. Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;
3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;
4. Tilqa' r-raba' eccezzjoni fejn qed issostni li t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u tichad it-talbiet attrici inkwantu rrizulta li l-Ghaqda Filarmonika Mnarja permezz ta' l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 1992 akkwistat biss id-dritt li ddoqq l-istess marc izda mhux id-drittijiet ta' l-awtur;
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati inkwantu ghall-ewwel zewgt eccezzjonijiet mis-socjeta' konvenuta u l-kumplament mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------